INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Informazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar in-notifika ta' awtorità kompetenti mir-Repubblika Ellenika skont id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi

(2012/C 12/05)

1. Il-Kummissjoni Ewropea qed tavża li, skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi, ir-Repubblika Ellenika nnotifikat li l-awtorità kompetenti hija d-Direttorat tal-Politika tal-Petroljum tad-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija tas-Segretarjat Ġenerali għall-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima tal-Ministeru tal-Ambjent, l-Enerġija u t-Tibdil fil-Klima, Mesogion 119, Ateni 101 92, il-Greċja.

2. Il-mistoqsijiet kollha relatati ma' din in-notifika għandhom jintbagħtu fuq dan l-indirizz: Directorate of Petroleum Policy, Mesogion 119, Athens 101 92, Greece, numru tat-Tel. +30 2106969312 u +30 2106969422, Fax: +30 2106969034, Posta elettronika: petrelpolit@eka.ypeka.gr